

Brussell, 30 ta' April 2025
(OR. en)

8187/25

SPORT 18

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Ir-rwol tal-atleti fil-ħolqien ta' politiki tal-isport - <i>Dibattitu ta' orjentazzjoni</i>

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuża nota ta' gwida mill-Presidenza dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq, bil-ħsieb tad-dibattitu ta' orjentazzjoni fil-Kunsill (Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Kultura u Sport) fit-13 ta' Mejju 2025.

"Ir-rwol tal-atleti fil-ħolqien ta' politiki tal-isport"

Introduzzjoni - sfond tad-dibattitu

Ir-rwol tal-atleti fil-komunità sportiva mhuwiex limitat għall-kisba ta' riżultati f'areni nazzjonali u internazzjonali. L-atleti qed jieħdu sehem dejjem aktar attiv fid-dibattitu pubbliku, u qed iservu bħala mexxejja fl-opinjoni u inizjaturi ta' bidliet sistemiċi. Madankollu, il-firxa tas-sehem formalizzat u dirett tagħhom fil-korpi tat-teħid tad-deċiżjonijiet tvarja fost l-Istati Membri tal-UE. Minħabba l-għadd kbir ta' sfidi li qed jiffaċċa s-settur tal-isport u l-ħtieġa dejjem tikber għal politiki sportivi trasparenti u inklużivi, qed isir neċessarju li l-atleti jiġu involuti b'mod sistematiku fit-teħid tad-deċiżjonijiet u fil-proċessi strateġiċi.

L-appoġġ u l-faċilitazzjoni tal-aċċess ta' gruppi sottorappreżentati għat-teħid ta' deċiżjonijiet fl-isport, kif ukoll l-inkoraġġiment tal-involviment attiv tagħhom f'dak il-proċess, huma fost l-oġettivi tal-Mudell Ewropew tal-Isport. Għandu jiġi enfasizzat li l-esperjenza, l-għarfien u l-perspettiva professjonali tal-atleti jagħtu kontribut għall-iżvilupp aktar effettiv ta' soluzzjonijiet, fosthom il-politiki tal-isport. Bis-saħħa tal-involviment tagħhom, dawn jistgħu jiġu adattati aħjar għall-ħtiġijiet reali tal-komunità sportiva fil-livelli kollha. F'dak il-kuntest, huwa xieraq li tinbeda diskussjoni bejn ir-rappreżentanti tal-Istati Membri.

Is-suġġett tad-dibattitu, propost mill-presidenza Pollakka, jenfasizza l-ħtieġa li r-rwol tal-atleti jinbidel minn riċevituri ta' politiki tal-isport għal dawk li joħolquhom b'mod konġunt, f'konformità mal-prinċipji ta' attitudni miftuħa, parteċipazzjoni u governanza tajba.

L-importanza tal-atleti bħala partijiet ikkonċernati fil-politika tal-isport

L-atleti – kemm kompetituri attivi kif ukoll dawk li diġà temmew il-karrieri sportivi tagħhom – huma partijiet ikkonċernati ewlenin fis-sistema tal-politika tal-isport. Il-perspettiva unika tagħhom, imsawra minn esperjenza diretta fi ħdan l-istrutturi sportivi, tippermettilhom jidentifikaw il-ħtiġijiet reali tal-komunità sportiva, jindikaw ostakli sistemiċi u jipproponu soluzzjonijiet li jkunu kemm speċifiċi kif ukoll realistċi. Bħala benefiċjarji diretti ta' politiki, programmi u strateġiji, l-atleti spiss ikunu konxji ta' x'jaħdem tajjeb u x'jeħtieġ li jittejjeb, bħall-kwalità tal-edukazzjoni tal-kowċis sportivi, jew sistemi ta' appoġġ għall-atleti. Id-drittijiet tagħhom għandhom jikkostitwixxu element ċentrali tal-inizjattivi ddedikati għalihom.

Kemm atleti attivi kif ukoll eks kompetituri – b'mod partikolari dawk li haġu sehem fl-Olimpjadi u membri tat-timijiet nazzjonali – igawdu mhux biss rikonoxximent pubbliku iżda wkoll minn livell ta' awtorità li jestendi lil hinn mill-komunità sportiva. B'riżultat ta' dan, is-sehem tagħhom fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet jista' jtejjeb b'mod sinifikanti l-leġittimità tal-azzjonijiet strategċi, isaħħaħ il-kooperazzjoni ma' partijiet ikkonċernati oħra u jżid il-possibiltajiet ta' implimentazzjoni effettiva tal-politika.

L-atleti sikwit ikomplu l-karrieri professjonali tagħhom fi ħdan l-istrutturi organizzattivi tal-isport kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak internazzjonali. Huma jservu fuq il-bordijiet ta' federazzjonijiet, kumitati Olimpċi u assoċjazzjonijiet tal-atleti, u jkollhom rwoli ta' esperti u konsultattivi. Madankollu, l-influwenza tagħhom testendi lil hinn mill-isport kompetittiv – huma jaqdu wkoll rwol sinifikanti fl-iżvilupp tal-isport għad-dilettanti permezz tal-involviment tagħhom fil-media, fl-edukazzjoni u fl-inizjattivi soċjali. Permezz tal-kisbiet u l-involviment pubbliku tagħhom, l-atleti jispiraw gruppi soċjali differenti biex jinvolvu ruħhom f'attività fiżika, u b'hekk jippromwovu stil ta' haġja tajjeb għas-saħħa u jinkoraġġixxu l-parteciċipazzjoni fi sport speċifiku. Id-dedikazzjoni tagħhom mhux biss tgħin biex tinbena immaġni pożittiva tal-isport, iżda tagħti wkoll kontribut indirett biex is-soċjetà ssir aktar attiva. L-atleti jistgħu jaqdu rwol importanti fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' strateġiji għall-iżvilupp tal-isport għad-dilettanti billi jaġixxu bħala ambaxxaturi tagħhom.

Il-kompetenzi miksuba matul il-karrieri sportivi tagħhom, flimkien ma' firxa wiesgħa ta' attivitajiet, jagħmlu lill-atleti sħab naturali fil-ħolqien ta' politiki tal-isport. L-inklużjoni tagħhom fil-proċess tat-tfassil ta' politika tappoġġa l-istabbiliment ta' sistema sportiva aktar inklużiva u effettiva li tindirizza l-ħtiġijiet kemm tal-atleti professjonali kif ukoll tal-komunità sportiva usa'.

Mill-perspettiva kemm tal-Istati Membri kif ukoll tal-amministrazzjoni tal-UE, huwa partikolarment importanti li jiġu stabbiliti mekkaniżmi dejjiema u trasparenti għal djalogu mal-komunità sportiva. Meta tiġi amplifikata u formalizzata kif xieraq, il-leħen ta' din il-komunità jista' jaqdi rwol ewlieni fit-tfassil ta' politiki sostenibbli u effettivi dwar l-iżvilupp tal-isport madwar l-Ewropa.

L-inklużjoni sistematika tal-atleti fil-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet – rakkomandazzjonijiet u sejħiet għal azzjoni

L-inklużjoni tal-atleti – kemm atleti attwali kif ukoll eks atleti – fl-ippjanar tal-proċessi u l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet tista' tieħu diversi għamliet kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak tal-UE. Dawn jistgħu jinkludu:

- l-istabbiliment ta' kunsilli konsultattivi b'rappreżentanza ta' atleti fi ħdan federazzjonijiet nazzjonali, ministeri tal-isport u korpi istituzzjonali rilevanti tal-UE;
- l-iżgurar ta' rappreżentanza adegwata ta' atleti f'korpi responsabbli għall-iżvilupp ta' politiki tal-isport;
- l-appoġġ għall-edukazzjoni maniġerjali u t-tmexxija soċjali għall-atleti (eż. permezz ta' taħriġ fl-ordni pubbliku, il-ġestjoni tal-isport u l-liġi dwar l-isport);
- il-promozzjoni ta' sħubijiet bejn l-amministrazzjonijiet pubbliċi, l-organizzazzjonijiet sportivi u l-komunità sportiva usa'.

Sabiex tmexxi d-dibattitu ta' orjentazzjoni, il-Presidenza tistieden lill-Ministri jwieġbu għall-mistoqsijiet li ġejjin:

1. X'opportunitajiet u sfidi huma assoċjati mal-parteċipazzjoni tal-atleti fil-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet dwar il-politika tal-isport?
2. Tistgħu ssemmu eżempji ta' inizjattivi meħuda f'pajjiżkom biex l-atleti jiġu inklużi fil-proċess tal-ħolqien ta' politiki tal-isport?
3. L-Unjoni Ewropea kif tista' tappoġġa lill-Istati Membri fil-bini ta' pjattaformi għad-djalogu mal-atleti?